**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 29 ta' Jannar 2019**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roderick Agius**
**(Spettur Shaun Friggieri)**

**Vs**

**Baldacchino Renald**

**Kump. Nr. 540/2018**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat **Renald Baldacchino** detentur tal-karta tal-identita bin-numru 431079M, gie akkuzat talli:

1. Bla ordni skond il-ligi tal-awtorita kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarreta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil certu Pierre Sammut u/jew persuna ohra kontra l-volonta tieghu u dan bi ksur tal-Artikoli 86 u 87(1),(c) (e) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta

2. U aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi ikkaguna ferita ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Pierre Sammut hekk kif iccertifika Dr. Karl Causon Med. Reg.1722 u dan bi ksur tal-artikolu 221(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. U aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi insultajt u heddidt bil-mewt lil Pierre Sammut u jew persuni ohra u dan bi ksur tal-artikolu 339(e) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. U aktar talli bejn it-23 t'Awwissu u l-24 t'Awwissu 2018 u fis-sieghat ta' wara gewwa Garage fit-triq il-Mejjilla Hal-Qormi, xjentement ilqajt ghandek jew xtrajt hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat jew xjentement b'kull mod li jkun indhalt biex ibeighhom jew tmexxihom u dan bi skur tal-Artikolu 334(a) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. U aktar talli f'dawn il-Gzejjer u wkoll talli fl-istess data, lok hin u cirkostanzi kont komplici f'delitt ta' serq aggravate bil-lok u bil-valur, billi gieghel lid-delitti isir b'mezz ta' rigali, weghdiet, theddid, maniggi jew eghmil qarrieqi jew inkella tajt struzzjonijiet biex isir dan id-delitt u dan bi ksur tal-Artikolu 42(a) (b) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

6. U aktar talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi ikkometta reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza ta' sentejn prigunerija sospizi ghal-erba snin moghtija mill-Magistrat Dr.Anthony Vella LLD nhar it-30 ta' Novembru 2017, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tinbidel.

7. U aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi ikkomettejt reat fil-perjodu operattiv ta' sentenza fejn int gejt illiberta bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sena moghtija mill-Magistrat Dr. Grazio Mercieca LLd nhar id-29 ta' Jannar 2018 liema sentenza hija definittiva u ma tistax tinbidel.

8. U aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi ksirt il-kundizzjonijiet tal-liberta provizorja imposta mill-Magistrat Dott. N.Galea Sciberras LLS f'dan li ma jikkommettix delitt iehor ta' natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest, fost kundizzjonijiet ohra kif ordnat li jghmel mill-istess Qorti u dan bi ksur tal-Artikolu 579 (2) tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti hija mitluba li f'kaz ta' htija tirrevoka l-helsien mill-arrest ta' Renald Baldacchino u tordna l-arrest mill-gdid tal-imsemmi imputat kif ukoll tordna li s-somma ta' €12,000 bhala garanzija

personal u €8,000 bhala depozitu jghaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulate fl-Artikolu 579(2) (3) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

9. Finalment inti akkuzat talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi irrendejt ruhek ricediv meta int gejt misjub hati mill-qorti tal-Magistrati Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jinbidlu u dan bi ksur tal-Artikoli 49,50 u 289 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet lill-ufficjal prosekutur bil-gurament;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali tas-26 t'Awwissu 2018 (ara *folio* 26) sabiex din il-kawza titmexxa bil-procedura sommarja

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda mressqa f'dan il-procediment;

Rat fuq kollox il-verbal tas-seduta tal-11 ta' Dicembru 2018 fejn, *inter alia*, l-imputat ammetta ghall-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tieghu u kompla jinsisti fuq din l-ammissjoni anki wara li l-Qorti taghtu zmien biex jahsibha skond il-ligi;

Qieset li, wara tali ammissjoni, l-ufficjal prosekutur ippuntwalizza fil-verbal tal-imsemmija udjenza illi l-imputazzjoni numru hamsa (5) inghatat bhala wahda alternattiva ghall-imputazzjoni numru erbgha (4) u li l-investigazzjonijiet u l-evidenza jinducu lill-istess ufficjal prosekutur jemmen illi l-imputat ghandu jkun passabbli ghall-imputazzjoni numru erbgha (4).

Qieset ukoll dak ivverbalizzat mid-difiza fl-udjenza imsemmija, u li mieghu jaqbel ukoll l-ufficjal prosekutur, illi din il-Qorti ghandha tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imputazzjoni numru sitta (6) u dana peress illi il-mertu ta' dik l-imputazzjoni jinsab pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali (Appell numru 403/2018 GG);

Semghet lill-ufficjal prosekutur u lid-difensur tal-imputat jaghmlu sottomissjonijiet dwar il-piena;

**Ikkunsidrat**;

Illi la darba l-imputat irregistra ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, u wara li ghamlet l-accertamenti kollha mehtiega skond il-ligi meta ssir ammissjoni tali, u wara li qieset sew id-depozizzjonijiet tax-xhieda mressqa, u l-provi dokumentarji migjuba, l-Qorti tiddikjara li l-imputazzjonijiet kollha imsemmija migjuba kontra tieghu, hlief ghall-imputazzjonijiet bin-numru hamsa (5) u sitta (6), gew sodisfacentement ippruvati u ghalhekk ma ghandhiex triq ohra hlief li tghaddi ghad-dikjarazzjoni ta' htija relattiva.

**Ikkunsidrat**;

In tema ta` piena din il-Qorti qed tikkonsidra:

1. l-fattur tal-ammissjoni tal-imputat, anke jekk din ma tistax titqies bhala wahda bikrija.
2. In-natura serja tar-reati kommessi;
3. Il-fedina penali xejn sabiha tal-imputat;
4. Dak ivverbalizzat mill-imputat fl-udjenza tal-11 ta' Dicembru 2018 illi huwa ilu afflitt mill-vizzju tad-droga u li jemmen li issa wasal iz-zmien li jindirizza dan il-fatt b'mod serju u konkret;

Ma' dawn il-Qorti qeghda tqis li l-hames (5) imputazzjoni inghatat bhala wahda alternattiva ghar-raba (4) imputazzjoni u wkoll li l-mertu tas-sitt (6) imputazzjoni jinsab pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali.

Ghal dak li jirrigwarda it-tmien (8) imputazzjoni, u peress li l-imputat ammetta wkoll ghal din l-imputazzjoni, din il-Qorti sejra tirrifletti din id-dikjarazzjoni fil-piena li ghandha tigi inflitta. Izda peress li l-Qorti temmen li, f'kaz li l-Qorti tmur oltre mill-piena u tordna li d-depozitu tat-€8,000 u l-garanzija personali ta' €12,000 ghandhom jghaddu favur il-Gvern ta' Malta, dan ix-xenarju potenzjalment jaghti lok ghal ksur tad-drittijiet kostituzzjonali tal-imputat, din il-Qorti taghmilha cara li mhux sejra taghmel din l-ordni kif mitluba.

Din il-Qorti tiddikjara li r-reati kif migjuba kontra l-hati huma serji, u fejn ma hemmx xi raguni u/jew cirkostanza jew cirkostanzi partikolari, il-hati ta` dawn ir-reati kif migjuba kontra l-imputat, ikun jimmerita piena li tkun ta` deterrent, bhal ma hi piena ta` prigunerija.

**Decide;**

**Ghal dawn il-mottivi, l-Qorti**, wara li rat l-Artikoli 17, 31, 49, 50, 289, 86, 87(1)(c)(e), 221(1) 339(e), 334(a), 579(2)(3) u 533 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll l-Artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imputazzjoni numru sitta (6) ghar-ragunijiet ga msemmija aktar il-fuq, issib, fuq ammissjoni tieghu stess, lil **Renald Baldacchino**, bhala recidiv:

A. Hati tal-imputazzjonijiet bin-numru (1), (2), (3), (4), (7), (8) u (9), b'dan li qed jigi ipprecizat li din il-Qorti qed titratta mal-hati ghar-reat originali li ghalih kien inghata liberazzjoni kondizzjonata bis-sentenza tad-29/01/2018;

B. Mhux hati tal-hames (5) imputazzjoni stante li din inghatat bhala wahda alternattiva ghall-imputazzjoni numru erbgha (4);

U tikkundannah komplessivament ghal piena ta' prigunerija ta' sentejn u tlett xhur.

Il-Qorti tirrakomanda lid-direttur tal-Facilita Korrettia ta' Kordin sabiex jaghti lill-imputat kull opportunita u assistenza fix-xewqa tieghu, jekk u meta din tavvera ruhha, sabiex jiggieled serjament id-dipendenza tieghu fuq id-droga.

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur